MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF
PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2009

Appell Civili Numru. 6/2009

**Peter Agius**

**vs**

**Melita plc**

**Il-Qorti,**

Fit-28 ta’ Jannar, 2009, it-Tribunal Industrijali ppronunzja s-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi:-

**“<u>1. Introduzzjoni</u>**

L-Appellant, Peter Agius, li kien impjegat bhala *Accountant* mal-Kumpanija Appellata Melita plc ta avviz ta' rizenja b'effett mill-5 ta' Gunju 2008. Jirritjeni li r-raguni kienet allegata *constructive dismissal.* It-tmiem effettiv ta' l-impieg tieghu kien it-30 ta' Lulju 2008.

Il-Kumpanija Appellata tirritjeni li r-riferenza ghat-Tribunal Industrijali kienet tardiva minhabba d-dekorrenza tat-terminu ta' erba' xhur rikjest mil-ligi. L-Appellant jirritjeni li r-rizenja tieghu saret effettiva fit-30 ta' Lulju 2008 waqt li r-rikors promotorju gie intavolat fit-30 ta' Ottubru 2008 meta t-terminu ta' erba' xhur rikjest mil-ligi (art 75(3) tal-Kap 452) kien ghadu ma skadiex.

It-Tribunal Industrijali kellu jiddecidi dan il-punt qabel ma jkompli jisma' l-kaz.

**2. Konsiderazzjonijiet**

Il-Kap 452, kif ga nghad, jirrikjedi terminu ta' erba' xhur minn mindu jsir "il-ksur allegat" li matulu trid issir riferenza fir-Registru tat-Tribunal. Il-kwistjoni li nqalghet hija meta fil-fatt sar il-ksur li permezz tieghu skatta l-perijodu ta' erba' xhur. Meta beda jiddekorri dan il-perijodu? Kien meta l-Appellant baghat l-ittra ta' rizenja tieghu fl-4 ta' Lulju 2008, jew meta tali avviz sar effettiv i.e. fit-30 ta' Lulju 2008?

Il-kaz huwa wiehed ta' *constructive dismissal.* Dan ifisser illi l-impieg spicca permezz ta' rizenja u mhux ta' tkeccija. Ghad li t-Tribunal Industrijali ghadu ma dahalx fil-merti peress illi jrid preliminarjament jiddecidi l-punt dwar id-dekadenza o meno jidher car illi hemm allegazzjoni ta' *constructive dismissal.* It-Tribunal mhux se jidhol fil-merti f’dan l-istadju hlief biex jiddikjara li kazi ta' allegat *constructive dismissal* huma ammissibbli quddiemu.

Dan it-Tribunal dejjem irritjena li l-vinkolu kontrattwali f’ kuntratt tax-xoghol jintemm biss meta il-haddiem ma jibqax jahdem, voldieri dakinhar li jispicca minn fuq il-kotba tal-principal tieghu. L-avviz ta' temm ta' impieg ma hux it-temm fih innifsu izda biss informazzjoni dwar intenzjoni irrevokabbli ta' tmiem ta' impieg. Matul il-perijodu li

jghaddi bejn l-avviz u t-temm effettiv ta' l-impieg ir-relazzjoni kontrattwali bejn il-haddiem u l-principal tibqa’ bla mittiefsa. Ifisser illi l-obbligi kontrattwali taz-zewg partijiet jibqghu jorbtu. Dana japplika wkoll f’ kaz ta' *constructive dismissal*? Id-diffikulta tqum dwar meta tokkorri dak li l-ligi ssemmi bhala "ksur allegat". Certament dan mhux meta l-*employer* allegatament jonqos b'xi mod lill-haddiem u b'hekk tiskatta l-allegazzjoni ta' *constructive dismissal.* Ghaliex dan l-allegat agir da parti tal-principal huwa l-kawza u mhux l-effett ta' *constructive dismissal.* U dana jidher li jaqblu mieghu l-avukati li assistew lill-partijiet. Ghaldaqstant wiehed ikollu bilfors jigbed il-konkluzjoni li d-data effettiva hija propju dak l-ahhar jum li l-Appellant kien fuq il-kotba tal-Kumpanija Appellata.

Huwa relattivament recenti li t-Tribunal Industrijali beda jikkunsidra d-dutrina ta' *constructive dismissal.* Ghaldaqstant f’ Malta sa issa ma teziztix kazistika rikka. Bilfors mela wiehed ghandu jistrieh fuq dak li jghidu l-awturi barranin u partikolarment dawk Inglizi peress li t-Tribunali u Qrati tar-Renju Unit ilhom snin kbar ihaddmu dan il-kuncett li hu wkoll rikonoxxut mil-ligijiet taghhom. Dan jirrikonoxxuh ukoll l-avukati taz-zewg partijiet li taw ezempji attwali kemm mill-awturi kif ukoll mill-kazistika Ngliza. Konformament ma' dan Steven D. Anderman jghid li *"The effective date of termination in cases of constructive dismissal is likely to vary, depending on whether the employee leaves with or without notice. If the employee leaves without notice, his or her date of departure is likely to constitute the effective date of termination. If the employee leaves with notice the position would appear to be that the effective date of termination is the end of the notice period".*[1]

**<u>3. Decizjoni Preliminari</u>**

[1] *The Law of Unfair Dismissal* p. 52 Butterworths *3rd edition*

> Wara li kkunsidra dak kollu li kellhom xi jghidu l-partijiet it-Tribunal Industrijali jichad it-talba preliminari tal-Kumpanija Appellata u jiddecidi li r-riferenza ghat-Tribunal Industrijali mill-Appellant saret fit-terminu ta' erba' xhur kif tinhtieg il-ligi. Jordna li l-kaz jitkompla fuq il-merti."

Appellat minn din is-sentenza s-socjeta` Melita plc bl-aggravju principali artikolat fuq l-interpretazzjoni li riedet tigi akkordata lill-frazi "mhux aktar tard minn erba' xhur mid-data effetiva tal-ksur allegat" fl-Artikolu 75(3) ta' l-Att dwar l-Impjiegi u Relazzjonijiet Industrijali;

Is-socjeta appellanti tissottometti illi l-artikolu predett jippartecipa minn zewg elementi, u cjoe, (i) il-konstatazzjoni tal-ksur f'rabta mal-kondotta tal-principal u (ii) il-*punctum temporis* tal-ksur hekk allegat.  Hi l-interpretazzjoni tas-socjeta` appellanti illi dan it-tieni element jikkorrispondi fil-kaz in ispecje ghad-data li fiha l-impjegat effettivament irrizenja (4 ta' Gunju, 2008), u mhux ukoll d-data ta' l-ahhar gurnata ta' l-impjieg tieghu (30 ta' Lulju, 2008);

Fit-twegiba tieghu l-appellat jirrinfaccja lis-socjeta` appellanti bl-iskoll procedurali tan-nullita` ta' l-appell interpost, in kwantu, trattasi ta' sentenza preliminari, kien inkombenti fuq is-socjeta` appellanti li tosserva l-precett ta' l-Artikolu 231 tal-Kapitolu 12 u, qabel ma tappella, tottjieni preventivament l-awtorizzazzjoni tat-Tribunal adit biex hekk taghmel.  Ghas-sostenn ta' din l-eccezzjoni tieghu l-appellat jirreferi ghad-decizjoni ta' din il-Qorti tas-26 ta' Jannar, 2005 fl-ismijiet "**Joseph Mercieca -vs- Water Services Corporation**".  Fiha, il-Qorti ddeterminat illi in bazi ghal dak li jinghad fl-Artikoli 77(1) u 82(4) tal-Kapitolu 452, bl-espressa referenza ghall-Kodici ta' Organizzazzjoni u u Procedura Civili, ukoll l-Artikolu 231 ta' dan il-Kodici kellu jircievi l-applikazzjoni pjena tieghu;

Fid-dibattitu orali quddiem din il-Qorti s-socjeta` appellanti, filwaqt li taccetta illi hi ma talbetx il-permess tat-Tribunal biex tappella, u tirrikonoxxi ukoll l-espressjoni ta' fehma ta' din il-Qorti fil-precitata sentenza, tistieden lil din il-Qorti biex tirrikonsidra l-posizzjoni taghha fuq il-punt imqanqal. Dan, primarjament, ghaliex, skond hi, il-Kapitolu 452 hu ligi specjali regolat b'disposizzjonijiet *ad hoc* u salv fejn xort'ohra provvdut ghal certi ritwali (ad ezempju, ir-rikuzazzjoni – Artikolu 76), in-normi generali tal-Kapitolu 12 ma kellhomx jircievu applikazzjoni. Dan lanqas fil-kaz ta' appell minn sentenza parzjali moghtija mit-Tribunal, anke ghaliex l-Artikolu 82 (3) tal-Kapitolu 452 ma jsemmi xejn fir-rigward;

Ghad li hu veru dak li jinghad mis-socjeta` appellanti illi wiehed ghandu dejjem ihares lejn id-disposizzjonijiet tal-ligi specjali, il-ligi procedurali in generali lanqas ma tista' tigi injorata, ammenokke d-disposizzjonijiet tal-ligi specjali ma humiex talment cari illi l-Qorti tkun zbaljata jekk tiddeklina milli tapplikahom. Hawnhekk, wara debita rikonsiderazzjoni tad-disposizzjonijiet rilevanti tal-Kapitolu 452, din il-Qorti ma ssibx raguni biex titbieghed minn dak ritenut minnha fis-succitata sentenza ghas-soluzzjoni tal-prezenti identika kwestjoni. Naturalment, il-Qorti ma tridx tfisser b'daqshekk illi l-kwestjoni ma tipprezentax certi sfurmaturi ta' diffikolta, izda, b'kull rispett dovut ghas-sottomissjonijiet ta' l-Avukat tas-socjeta` appellanti fil-kors tad-dibattitu quddiemha, ma jidhrilhiex li tista', la konsistentement mal-hsieb profess taghha, u, lanqas ukoll, konsistentement mal-principji maghrufa, taccetta l-proposizzjoni tas-socjeta` appellanti biex tallontana ruhha milll-gudizzju precedenti taghha fuq l-istess tematika;

Fost il-principji ghal liema l-Qorti talludi fil-paragrafu precedenti hemm dak generali ta' gustizzja li jimponi li qaghdiet ekwivalenti jigu guridikament trattati b'mod ugwali. Ghall-applikazzjoni prattika ta' din l-*eadem ratio*, il-Qorti jidhrilha li tista' b'analogija tigbed inferenza minn certi disposizzjonijiet partikolari dettati fl-Ordinanza li

Tirregola t-Tigdid tal-Kiri ta' Bini (Kapitolu 69), anke jekk ta' min jissottolineja illi din mhix l-unika ezemplari ta' ligi specjali f'dan is-sens fl-ordinament taghna. Fiha nsibu wkoll, bhal fil-kaz tal-Kapitolu 452 fl-Artikoli 77 (1) u 82 (4) tieghu, illi "l-Bord ghandu l-istess setghat moghtija mill-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili lill-Prim' Awla tal-Qorti Civili" [Artikolu 20 (1)]. Ukoll ghal dik li hi l-ezekuzzjoni tas-sentenzi ta' l-istess Bord [Artikolu 20 (2)]. Ugwalment, insibu disposizzjoni partikulari fil-kaz ta' rikuza (Artikolu 19) konsimili ghall-Artikolu 76 (1) tal-Kapitolu 452;

Issa in tema ghall-imsemmija disposizzjonijiet tal-Kapitolu 69 il-Qorti ta' l-Appell kolleggjali kellha, ghal dak li jiswa ghall-kaz prezenti xi tghid dan fid-decizjoni taghha tas-7 ta' Dicembru 1956 in re: "**Professur Dottor Alexander Briffa *et* -vs- Lawrence J. Sullivan**":-

(1) "Ghalkemm il-Bord tal-Kera ma hux annoverabbli fost il-qrati ordinarji, hu cert pero` li dak it-tribunal jezercita funzjonijiet gudizzjarji, tant li hu b'ligi rivestit bil-poteri kollha li ghandha l-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Artikolu 21, Kapitolu 109, illum Artikolu 20 (1), Kapitolu 69). Hu ghalhekk korollarju logiku u guridiku li huma applikabbli ghall-proceduri tal-Bord id-disposizzjonijiet tal-Kodici ta' Procedura Civili, meta ma jkun hemm xejn in kuntrarju fil-ligi specjali tal-Bord, jew meta ma jkunux manifestament inapplikabbli, jew xort'ohra inkompatibbli mal-funzjonijiet specjali tal-Bord." Hawnhekk is-sentenza taghmel referenza b'ezemplari ghal kaz tar-ritrattazzjoni taht il-Kapitolu 12 applikabbli wkoll ghall-proceduri tal-Bord. Dan huwa hekk il-kaz kif ahjar illustrat fis-sentenza ta' l-istess Qorti tal-5 ta' Frar, 1945 fil-kaz fl-ismijiet "**Anthony Cassar -vs- Flora Mifsud**";

(2) "Ma hemm xejn li josta ghall-applikabilita` ta' l-Artikolu 229 tal-Kapitolu 12 (illum, Artikolu 231 ta' l-istess Kodici). Ma hux ta' ostakolu d-dispost ta' l-Artikolu 25 (2) [illum 24(2)] tal-ligi specjali ghax dan jista' ugwalment jigi kollegat mad-dispost ta' l-Artikolu 229";

(3) "Il-fatt li fil-ligi specjali hemm f'xi artikoli rikjam specjali ghal xi artikoli tal-Kodici tal-Procedura Civili lanqas jikkostitwixxi diffikolta, ghaliex dawk huma kazijiet li fihom, jew sar xi adattament ghac-cirkostanzi specjali tal-Bord [Artikolu 20 (1) Kapitolu 109, illum, Artikolu 19 (1), Kapitolu 69] li japplika lill-membri mhux legali tal-Bord ir-ragunijiet ta' astensjoni u rikuza, jew seta' jkun hemm diffikolta dwar l-applikabilita` tad-disposizzjonijiet procedurali generali fejn seta' jigi dubitat jekk il-Bord, wara li ezercita l-gurisdizzjoni tieghu specjali, hux *functus officio*, b'mod li ma jistax jagixxi aktar lanqas ghall-ezekuzzjoni tad-decizjonijiet tieghu";

Il-Qorti jidhrilha li dawn is-siltiet mill-precitata sentenza ghandhom b'abbracc isibu posthom anke fil-kaz in disamina, konsiderat is-similarita` tad-disposizzjonijiet fil-Kapitolu 69 u l-Kapitolu 452. Jekk dan mhux bizzejjed allura jrid jinghad ukoll b'aggunta illi, progressivament, huwa imperanti fl-interpretazzjoni tal-ligijiet il-kriterju objettiv-teleologiku li, f'qaghdiet bhal dawn, jiddetta li wiehed ghandu jhares ghall-kumpless tal-fini persegwit mill-korp shih tal-ligijiet u dawk tal-principji guridici in generali. Jekk hemm bzonn jigi ripetut, il-principju li jimponi li wiehed ghandu jevalwa u jinterpreta b'mod ugwali qaghdiet ekwivalenti;

Jinzel minn dan kollu rilfess illi ghas-sitwazzjoni ta' l-appell interpost kellu jkollu applikabilita wkoll id-dispost ta' l-Artikolu 231 tal-Kodici ritwali, u la dan ma giex hekk rispettat mis-socjeta` appellanti fl-espressjoni shiha tieghu, isegwi illi l-appell mis-sentenza parzjali pronunzjata mit-Tribunal hu necessarjament null u irritwali. Ara a propozitu f'dan l-istess sens id-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell, sede Superjuri, tat-28 ta' Jannar, 2000 fl-ismijiet "**Carmelo Attard *et nomine* -vs- Domenic Micallef *et nomine***".

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, bl-akkoljiment tal-pregudizzjali sollevata mill-appellat tiddikjara l-appell lilha devolut mis-socjeta` appellanti bhala irritu u null.  Konsegwentement, tirrimetti l-atti lura lit-Tribunal Industrijali ghal kontinwazzjoni.  L-ispejjez ta' din il-procedura jitbatew mis-socjeta` appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------